**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Jannar 2021**

**Talba Nru: 187/19 CZ**

**Frank Borda Limited C446**
**vs.**

**RJN Suppliers Limited C70859**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-22 ta' Lulju 2019 fejn talbet minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' elf, erba' mija u tmienja u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€1,468.97), bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru[1] u bl-interessi mid-data tal-fatturi relattivi kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta ossia rapprezenta taghha naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi kwantu ghall-imghax, ghalkemm fit-talba taghha s-socjeta' attrici talbet il-hlas tal-imghax mid-data tal-fatturi relattivi, dawn ma gewx prezentati, u ghalhekk l-imghax li ghandu jithallas ghandu jkun dak mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€1,468.97), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-hlas effettiv.

[1] Ma giex indikat in-numru

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur